# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 264 :: MEJJU, 2018



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com




*Aktar ritratti Paġna 2*

# IL-BBQ TAS-SENA TAL-GRUPP LETTERATURA MALTIJA

Il-BBQ li jorganizza l-kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kull sena, li normalment jinżamm f'Marzu, din id-darba inżamm fid-29 ta' April minħabba li għall-aħħar ta' Marzu kienet il-Ġimgħa l-Kbira.

Wara li għamilna l-arranġamenti mall-membri tagħna, Frank u Draga Bonett li dejjem jilqgħuna fuq il-propjeta` tagħhom u ta' dan aħna nirringrazzjawhom ħafna, il-kumitat iddeċieda għad-29 ta' April. Il-membri kollha ġew avżati u ħafna minnhom setgħu jattendu waqt li oħrajn kellhom pjani oħra minn qabel.

Sfortunatament, anki d-daqqaqa li s-soltu jkunu magħna, ħafna minnhom ma setgħux jattendu. Din is-sena ħassejna t-telfa tal-ħabib tagħna, il-kitarrista, Joe Gauci. Manuel Casha kien f'South Australia, Joe Camilleri (perkussjoni) kien barra minn Melbourne u Fredu Cachia kellu xi ħaġa tal-familja. Alfred Xuereb kien l-uniku wieħed li seta' jattendi imma għidnilu li min-flok idoqq is-"synthesiser", huwa u l-mara tiegħu Mary joqogħodu magħna fuq il-mejda għall-ikel. Madwar 30 membri attendew.

Il-preparazzjoni tal-ikel saret minn Salvina Vella u Draga Bonett, waqt li Joe Lofaro u Charles Attard ħadu ħsieb it-tisjir taz-zalzett u l-laħam.

It-tqassim tal-ikel sar minn Salvina u Rosemary Attard bl-għajnuna ta' Rose Lofaro, Doris Sammut u oħrajn. Ikel kien hemm ħafna u anki wara li kiel kulħadd ħafna ġew imħeġġa jieħdu aktar. Bosta ġiebu magħhom ħafna kejks, galetti u ħelu. L-inbid aħmar u abjad ma naqasx kif ukoll xorb minerali.

Wara sar il-qari minn xi membri: Michael Xuereb, John Muscat, Manwel Cassar, Ray Anastasi, Marie Louise Anastasi u Dr Victor Sammut u oħrajn.

Imbagħad ġie mqassam il-frott. Kien hemm te u kafe`, ħafna kejks u galetti.

Saret preżentazzjoni żgħira lil Frank u Draga bħala ringrazzjament li laqgħuna għandhom. Dakinhar iltqajna man-neputija tagħhom, Tara, li dan l-aħħar reġa' kellha ħafna suċċessi fl-isports ekwestrejali.

Kien jum sabiħ tal-ħarifa. Kulħadd ħa pjaċir u mar id-dar kuntent.

Ringrazzjament lil Frank u Draga li laqgħuna għandhom. Lil Salvina Vella li għamlet ix-xiri kollu għal dan il-jum. Lil dawk kollha li għenu b'xi mod jew ieħor u lil dawk li ġiebu magħhom xi kejks u ikel ieħor u grazzi li dawk kollha li attendew.














# BULI




Illum temmejt il-qari tat-tieni ktieb tal-awtriċi Lorraine Galea bl-isem ta' BULI. Bħall-ktieb ta' qablu DJARJU TA' DARBA F'SENA, Lorraine irnexxielha tikteb ktieb oriġinali b'tema attwali li tolqot direttament lil bosta individwi. Il-*bullying*! Dan il-fenomenu ma jolqotx biss lit-tfal kif bosta jaħsbu imma jista' jkun ukoll *bullying* domestiku, soċjali u ieħor ta' fuq ix-xogħol.

Lorraine għażlet il-*bullying* fi skola fejn il-"bully" Jack, jhedded u jimmolesta tfal ġwejjed oħra, għax minn fuqhom jista' jegħleb il-frustrazzjoni tal-isfruttament tal-*bullying* li jsir fuqu minn ħuh stess fid-dar tiegħu. Wieħed minn dawn il-vittmi jkun Francesco li minkejja li jkun kwiet, ikollu lil ommu qed tmut bil-kanċer. Iżda fl-iskola jkun hemm tifel ieħor, Miguel, li għalkemm hu wkoll ikun ġwejjed imma ma jibżax jitkellem u jikkonfronta lil Jack u jeħodha miegħu kontra l-*bullying*.

Fid-dar ta' Miguel mhux kollox ikun ward u żahar. Ommu u missieru jkunu nfirdu u din il-firda tinħass sewwa kemm minnu u kemm minn oħtu Yasmine. Miguel idaħħalha f'rasu li jagħmel minn kollox biex il-ġenituri tiegħu jerġgħu jingħaqdu flimkien, jgħin lil Francesco joħroġ mill-biża' tal-*bullying* u lil Jack biex jieqaf ikun buli. Dan jagħmlu permezz ta' ħolm fejn tifel partikolari, Randal jurih x'għandu jagħmel.

F'dan il-ktieb, Lorraine Galea għandha ħabta fil-kitba tagħha kif tmexxi lill-qarrej lejn destinazzjoni ta' ħsieb u fl-aħħar ittih is-sorpriża li ma jkunx qed jistenna. "Buli" huwa mexxej ħafna, mhux twil, kapitli qosra u Malti mifhum tajjeb. Ktieb ta' min jaqrah.

# Tagħrif dwar il-ktieb KEMM NIXTIEQ LI KELLI L-ĠWIENAĦ

Ktieb bi 15-il poeżija għat-tfal miktuba minn Charles Casha b'illustrazzjonijiet ta' Sue Flask.




Casha jaqsam mal-qarrejja żgħar il-ħsibijiet tiegħu dwar suġġetti li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Il-ktieb ippubblikat minn Klabb Kotba Maltin, b'kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-litteriżmu. L-awtur jiddedika lit-tfal kollha ta' Malta u Għawdex għax bħala għalliem huwa qatta' snin twal f'kuntatt mat-tfal. Fost is-suġġetti trattati nsibu l-kotba, l-annimali, il-ġugarelli, l-għodda, il-kompjuter, l-ilma, ir-riħ, ix-xita, ir-ritratti, il-karnival u d-divertiment. Huwa importanti li t-tfal jibdew mindu jkunu għadhom żgħar japprezzaw il-poeżija. Kotba bħal dawn żgur li jħajruhom jaqraw il-poeżija u jsiru jħobbuha. Fil-kitba ta' Casha tinħass il-mużikalità u dan jagħmel il-poeżiji akar attraenti għat-tfal. Hekk ukoll id-disinji ta' Sue Flask jappellaw ħafna għall-qarrejja żgħar. Il-ktieb fih innifsu hu attraenti u mimli ħajja.

# IL-KMANDAMENT NUMRU ĦDAX - *ħobb lill-ħolqien*

**It-Tieni Rumanz Ambjentali - Paul P. Borg**

*... illum hawn fostna min ma jara ebda ħażen jekk tarbija tqattagħha biċċa biċċa qabel titwieled u tifflaxxjaha fit-tojlit. U Paul P. Borg jitkellem bħala interpretu rrabjat tan-niket u l-uġigħ tan-natura. Li sar sar; la l-blat jitqatta', ma jistax jerġa' jikber; jekk titqaċċat l-aħħar ħarruba, ma jkunx hemm aktar minn din is-siġra; it-tbiċċir ta' baby ma tistax tfejqu... qrid ta' raba' produttiv... vjolenza fuq tfajla għax sabiħa... qtil ta' iben bil-pirmli...vjolenza fuq ix-xjuħ... li sar sar; ma nistgħux inreġġgħuh lura...* ***Profs. Charles Briffa.***




*Horizons Publications* għadhom kif nedew it-tieni volum tar-rumanz ġdid ta' Paul P. Borg, "Il-KMANDAMENT NUMRU ĦDAX – ħobb lill-ħolqien". Il-ktieb fih illustrazzjonijiet tal-artist Frank Schembri.

Bħall-ġrajja tal-ewwel volum ir-rumanz il-ġdid hu bbażat fuq problemi ambjentali li l-ħolqien kellu jġarrab matul is-snin mgħoddija l-aktar minħabba l-ħsara li l-bniedem wettaq kull fejn lemaħ biċċa xagħra. Mosè hu żagħżugħ Malti konvint li Alla qabbdu jieħu ħsieb l-ambjent meta waqt sfilata tal-Karnival qallu biex ixandar kmandament ġdid – ħobb lill-ħolqien! - bħala żjieda mal-ewwel Għaxra. Mosè litteralment joqtol għall-ambjent, u ma jħallix lil min jagħmel il-ħsara bħalma sar fl-imgħoddi.

Il-protagonist jinsab inkwetat għax fost il-kmandamenti m'hemmx wieħed espliċitu biex il-bniedem ma jeqridx l-ambjent waqt li hemm fuq kollox, la tisraqx, la toqtolx, la tiżnix, la tidgħix... u la teqridx lill-ħolqien ma jinsab imniżżel imkien ċar u tond. Mosè jibda jqis lilu nnifsu bħal dak is-suldat li biex jiddefendi lil art twelidu jkollu tabilfors joqtol - ikunu xi jkunu l-konsegwenzi. Ir-rumanz hu mimli azzjoni u movimentat biex Mosé jasal għat-tir tiegħu li l-ambjent, ikun f'liema sura hu, ma jsofrix aktar qerda.

Mosè jgħaddi minn ħafna avventuri li fihom jipprova jwassal il-messaġġ tal-ħolqien. Narawh jiddefendi tfajla stuprata, jiddefendi x-xagħri u l-kosta madwar Malta minn bini bla bżonn fuqhom, jinkedd għal tfajla vjolentata saħansitra minn missierha stess. Mosè jinkedd jara lil min iħammeġ pajjiżna, u ma jiflaħx jara raġel iswed imsawwat u maħqur għax raġel iswed. Il-qtil ta' tarbija għadha qed tikber fil-ġuf hu delitt li Mosè ma jiflaħx jara aktar. Jekk il-bnedmin l-oħra ma jaraw xejn ħażin f'dan kollu, hu jkollu ripetutament jieħu l-liġi f'idejh, jiġri x'jiġri bil-vjolenza li juża. Quddiem għajnejh jara dejjem lil Ġuditta li fil-Kotba Mqaddsa Alla jgħinha ssalva lil niesha billi qatgħet ras is-sultan tal-għedewwa tagħha. Ikollu juża metodi li mhux dejjem jaqbel magħhom hu stess.

Il-protagonist tar-rumanz ma għandu ebda fiduċja fis-soċjetà, il-ġrajja turi li ma jemminx li l-bniedem jista' qatt ibiddel triqtu u Malta sa jkollha tispiċċa ħażin. Ir-rumanz jintemm bil-ħlas xieraq għal min qered u qatel lill-ħolqien. Għal Mosè il-qerda ta' xagħra jew it-tqaċċit ta' siġra, huma ħwejjeġ gravi daqs l-istupru, l-abbuż fuq it-tfal, l-istupru u l-qtil tat-trabi qabel it-twelid.

Permezz ta' dawn iż-żewġ rumanzi Borg jawgura żmien isbaħ għall-ambjent kemm Malti kif ukoll madwar id-dinja kollha. Donnu issa kullimkien hemm impenn dwar il-ħtieġa li nqimu l-Ħolqien. Il-Maltin qed isiru aktar sensittivi li jiddefendu l-ambjent tagħhom. L-awtur jemmen li ma jistax ikun li l-ambjent naturali Malti jerġa' jsofri d-daqqiet li ġarrab fis-snin li għaddew. Saret ħafna ħsara irriversibbli minħabba li kellna aktar ħsiebna fl-isfruttar tal-ftit ambjent naturali li kellna milli biex nikkonservawh għal uliedna. Jidher li hemm riħ ġdid kemm fis-soċjetà kif ukoll fil-Knisja bil-pubblikazzjoni tal-enċiklika *Laudato sii*. Imma għadna 'l bogħod. Borg jemmen li jeħtieġ li l-Letteratura Maltija bħala kuxjenza ta' poplu tirrifletti ħafna aktar l-uġigħ ambjentali. Hemm bżonn inżommu quddiem għajnejna l-Kmandament Numru Ħdax "ħobb lin-natura" f'kull deċiżjoni marbuta mal-ambjent. Il-protagonist Mosè li ħoloq Borg jemmen li l-bniedem jeħtieġ juża l-ħolqien bħalma n-naħla tuża l-warda, billi tieħu li tinħtieġ minnha imma ma teqridhiex.

# IL-POEŻIJA U L-PATATA

Il-ktieb tal-poeżija tas-sena wasal! Ilna ħames snin naqraw u niktbu u naħsbu f'poeżiji dwar il-patata u issa dawk il-poeżiji ġbarnihom fi ktieb. Il-ktieb jinkludi numru ta' poeżiji bil-Malti tradotti għall-Ingliż, għall-Friżlandiż u għall-Olandiż kif ukoll numru ta' poeżiji ta' poeti Olandiżi u l-poeżiji tagħhom tradotti wkoll. Fih ukoll riċetti, esperjenzi u ritratti, fosthom tal-fotografa Maltija Giola Cassar. L-editriċi Maltija ta' din l-edizzjoni hija Claudia Gauci.

It-tnedija saret nhar is-26 ta' April fis-7.30pm għand Abdilla Importers/Exporters, Ta' Qali. Waqt it-tnedija wieħed seta' jisma għadd ta' poeżiji, mal-banda ta' Ħal Safi; kif ukoll kien hemm tikka nbid u l-patata għall-ikel. Glen Calleja kien qed iħit il-kotba tal-poeżija bl-idejn.

Preżenti wkoll kien hemm l-Onor. Dr Deo Debattista, id-direttur eżekuttiv ta' Valletta 2018 Catherine Tabone, u l-Amabaxxatur Olandiż Joop Nijssen.

Dakinhar itneda wkoll il-film tal-poeżija maħdum minn Kenneth Scicluna li jagħti ħarsa lejn il-proċess kollu li bih tasal għandna l-patata, kif ukoll in-nies involuti f'dan il-proċess u l-proġett, Froukje De Jong ewlenija fosthom.

Dan il-proġett huwa proġett bejn Valletta 2018 u Inizjamed u bi sħab ma' Leeuwarden 2018.

Din kienet attività miftuħa għal kulħadd bla ħlas. L-attività fuq Facebook tinsab hawnhekk: www.facebook.com/events/161199911175624

## *X'Jiktbulna...*

Għażiż Paul, Nieħu gost nirċievi dan il-folju. Grazzi tax-xogħol tiegħek. Nixtieq naqsam miegħek poeżija bit-titlu "Aldabra". Jekk tixtieq, tista' tippublikaha fuq il-folju li jmiss. Grazzi u l-ġurnata t-tajba, Tislijiet, ***Gabriella Mallia***

X'hemm Paul, Nittama li tajjeb. Ma nixba' qatt niżżik ħajr tal-impenn tagħkom il-Maltin barra minn Malta li tibqgħu taħdmu b'risq il-Malti li jagħtina identità nkunu fejn inkunu. Jiena għadni kif ipppubblikajt rumanz ġdid li jitkellem ukoll dwar l-ambjent. Semmejtu Il-Kmandament Numru Ħdax - Ħobb lill-ħolqien.
Xi sena ilu ppubblikajt ukoll rumanz ieħor bi ġrajja differenti u semmejtu wkoll bl-istess isem minħabba x-xewqa tiegħi li jkun hemm aktar imħabba lejn l-ambjent. Ir-rumanz ġie mniegħed mill-ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Maltin, fil-Parlament stess nhar il-21 ta' Frar li għadda.
Qiegħed ngħaddilek xi tagħrif dwar it-tieni rumanz biex jekk ikollok spazju u dejjem jekk jogħġbok, xi darba ġġib xi tagħrif dwaru. Malta ċkejkna u kull fejn taqta' joħroġ id-demm, imma jeħtieġ inżommu ħarsitna fuq l-ambjent hu f'liema għamla hu. Grazzi minn qalbi u awguri dejjem ***Paul P. Borg***

Grazzi ħafna, Paul, u tassew napprezza. Semmejtek ukoll fil-Facebook Page ta' Salv Sammut. Il-Ktieb Malti tassew ħaqqu apprezzament kif ukoll lill-kittieba u min jurihom appoġġ. Speċjalment bħalissa li reġgħet għaddejja l-kriżi tal-Ilsien Malti fit-taħdit tagħna... Fi żmenijiet differenti fl-istorja, il-lingwa Maltija dejjem affaċċjat l-għedewwa u l-akbar ħasra hija meta l-għedewwa jkunu l-Maltin stess! Saħħiet u ħajr ***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-folju li dejjem tibgħatli. Prosit tal-materjal sabiħ li tinkludu fih. Nieħu gost ferm naqrah. Nammirakom kemm tgħożżu lsien art twelidkom. Prosit tassew! Inselli għalikom ilkoll, ***Charmaine Tanti***

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju Grupp Letteratura Maltija ta' Victoria, għax-xahar t'April, 2018. Inkun nistennih b'ħerqa. Fuq ix-xwiek biex naqra aħbarijiet, artikli u ġrajjiet li jagħnu wirt missirijietna, l-aktar fosthom, ilsienna, l-Ilsien Malti.
Din is-sena, Malta iffukat sew u kif jixraq, fuq il-Professur Oliver Friggieri, poeta, ħassieb, kittieb, għalliem, imma fuq kollox, patrijott tassew. B'imħabba: ***Mario Griscti***

**Il-laqgħa li tmiss tkun il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm**

# Profil: il-Professur Gużè Aquilina (07-04-1911 – 08-08-1997)

Ilsienna kif nafuh illum beda jiżviluppa mal-elf sena ilu (Prof. J. Brincat: 'Il-Malti, Elf Sena ta' Storja'). Jista' jkun ukoll li kien hemm xi forma ta' Malti qabel dan iż-żmien ukoll. Il-Malti miktub għandu mat-tliet sekli; biżżejjed insemmu lil Kan. Agius de Soldanis (1750). Hemm xi wħud minn dawk li bir-rieda sħiħa tagħhom, għanewh, u miegħu għanew ukoll Art Twelidhom. Illum għandna kittieba li rnexxielhom jilħqu fil-quċċata tal-letteratura, mhux biss, imma wkoll li l-kitbiet tagħhom, it-tagħlim lill-istudjużi fuq l-Ilsien Malti, jistgħu jitqiesu bħala ġamar li jkebbes il-qlub lejn il-Letteratura Maltija. Hija ħaġa biex ngħidu hekk li ma titwemminx kif studjuż, kittieb, poeta, rumanzier u għalliem bħal Professur Gużè Aquilina rnexxielu jilħaq dan il-livell hekk għoli li dwaru ser nagħti xi ħjiel.
Fi profil qasir bħal ma hu dan tagħna, huwa diffiċli li niktbu u nsemmu kollox dwar il-ħajja u l-ħidma ta' dan il-Għawdxi dehni, imma aħna sejrin nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex nagħtukom stampa ċara u tagħrif siewi dwar wieħed mill-aqwa kittieba u studjużi tal-Malti.
Il-Professur Gużè Aquilina twieled il-Munxar, raħal li jmiss mal-fdalijiet tat-tempju megalitiku tal-Marziena u mal-blat imtarraġ tax-Xlendi, fl-għodwa tas-7 ta' April tas-sena l911. L-ewwel sisien tat-tagħlim tiegħu bnihom fl-iskola primarja ta' Sannat, raħal tefgħa ta' ġebla bogħod minn raħal twelidu, iddedikat lil Pawlu ta' Tarsu, u wara, għadda għas-Seminarju t'Għawdex. Minn hawn dan il-kittieb letterarju daħal jistudja fl-Università Rjali ta' Malta, fejn fis-sena l934 huwa ħa l-B.A. Kien biss tlitt snin wara li Gużè Aquilina ħa l-Lawrja ta' Avukat mill-istess Università. Huwa dam jaħdem ta' avukat fil-Qrati ta' Għawdex għal madwar tmintax-il sena, meta fl-1 ta' April 1955 huwa sar 'full time' Professor tal-Malti u tal-Ilsna Orjentali fl-Università Rjali ta' Malta. Dejjem miexi 'l quddiem fit-triq wiesa' tat-tagħlim, Aquilina kiseb il-grad tal-Ph.D mill-Unversità ta' Londra fl-1941.
Il-Professur Gużè Aquilina kien membru ta' bosta għaqdiet u kumitati kulturali li aħna m'aħniex sejrin noqogħdu nsemmuhom kollha, iżda ta' min jgħid li huwa kien il-President tal-Għaqda tal-Malti, imsejħa "Università" kif ukoll President Onorarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.
Il-Professur Gużè Aquilina kabbar il-ġieħ ta' lsienna f'bosta pajjiżi billi għamel taħditiet dwar l-Ilsien Malti, il-Malti bħala Lsien Imħallat, l-Oqsma tat-tiftix tal-Lingwistika tal-Malti, u taħditiet oħra fl-Universitajiet ta' Londra, Durham, Cambridge u Edinburgh. Huwa ta artikli u kitbiet oħra f'diversi rivisti lingwistiċi mxerrda mal-Ewropa.
Imma l-ħidma tal-Professur Gużè Aquilina ma tiqafx hawn. Sa mill-l937 huwa kien diġà tħabbeb sewwa mal-Malti u nsibu li f'din l-istess sena, huwa kien rebaħ l-Ewwel Premju għall-aħjar rumanz bil-Malti mogħti mill-Gvern, bir-rumanz "Taħt Tliet Saltniet". Dan huwa rumanz tassew sabiħ, b'deskrizzjonjiet tassew qawwija u ħajja u li minnu nagħtukom silta fi tmiem dan il-profil. Il-Professur kien ukoll l-Editur tal-organu tal-istudenti Universitarji Leħen il-Malti kif ukoll ta' sensiela ta' kotba Tagħlim għal kbar.
Li kieku kellna noqogħdu nsemmu x-xogħol kollu ta' dan l-istudjuż, kittieb, poeta, rumanzier u għalliem mill-Gżira tat-Tliet Għoljiet, ma konna nispiċċaw qatt. Għalhekk aħna jidhrilna li nsemmu biss xi wħud mill-kotba li l-Professur Aquilina kiteb u ta lill-istudjużi tal-Ilsien Malti. Fost dawn il-pubblikazzjonjiet, insibu: A Comparative Study in Mixed Maltese u The Structure of Maltese. Dawn iż-żewġ kotba jagħtu tagħrif siewi dwar l-istorja u l-bini ta' lsienna. Insemmu wkoll il-kotba interessanti Il-Polz ta' Malta; Studji Kritiċi Letterarji; u Madwar il-Ħajja f'erba' volumi. Ma nistgħux inħallu barra Il-Muża Maltija – antoloġija ta' poeti.
Aquilina ppubblika wkoll ktieb ta' poeżiji bl-Ingliż li jġib l-isem ta' The Struggle. Huwa kiteb ukoll bosta poeżiji u epigrammi bil-Malti li dehru f'diversi ġurnali u rivisti. Fit-Tejatru huwa l-isem ta' ktieb ieħor li kiteb dan il-ġenju letterarju u li jiġbor fih bosta drammi u kummiedji bil-Malti. Arbli fuq il-Bjut, xogħol tiegħu wkoll, kien inħadem b'suċċess fuq il-palk tal-Liċeo t'Għawdex mill-Għaqda Drammatika "Lyceum Players".
Il-Professur Aquilina għamel bosta introduzzjonijiet f'kotba kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija. Huwa tana f'idejna bosta materjal li mhux lakemm jintesa malajr. Xogħol interessanti ieħor li ta lill-istudjużi kienet il-ġabra ta' madwar ħamest elef qawl b'ħafna tagħrif dwarhom li jinsabu midmuma fil-ktieb tiegħu A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs li kien intlaqa' ferm tajjeb minn dawk kollha li għandhom il-ġid tal-Ilsien Malti.
Ma nistax ma nersaqx lejn tmiem dan il-profil bla ma nsemmilkom forsi l-ikbar opra ta' ħajtu u li nistgħu ngħidu ħaditlu għadd sabiħ ta' snin minn għomru biex seta' juriha d-dawl tal-istampa. Qed nirreferi għad-Dizzjunarju tiegħu f'sitt volumi Malti-Ingliż-Malti maħruġ mill-Klabb Kotba Maltin immexxi minn Għawdxi ieħor, l-istoriku u patrijott Pawlu Mizzi.

Il-ħidma tal-Professur Ġużè Aquilina lejn il-Malti tibqa' ma tintesiex. Jalla l-ilsien tagħna jsib bies nies qalbiena li ma jibżgħux jiġġieldu għal-Letteratura Maltija bħalma għamlu l-Professur Ġużè Aquilina u Għawdxin oħra fosthom Ninu Cremona, Ġorġ Pisani, Mary Mejlak, Anton Buttiġieġ flimkien ma' oħrajn. Aquilina baqa' sa ma s-saħħa baqgħet tagħtih, jgħolli u jsebbaħ l-Ilsien Malti mhux biss fil-gżejjer Maltin iżda wkoll f'artijiet imbiegħda. Il-kitbiet tiegħu ma jistgħux ma jqanqlux f'qalb il-Maltin u l-Għawdxin ta' kull żmien, imħabba lejn ilsien artna, għax fihom isibu l-benna u l-għaqda li wieħed ifittex fil-letteratura tagħna. Miet fit-8 ta' Awwissu 1997. Xhieda ta' dan hija s-silta qasira li qegħdin nagħtukom hawn taħt meħuda mill-ewwel rumanz li ħareġ mill-pinna tiegħu: Taħt Tliet saltniet.

Iż-żgħażagħ tar-raħal mhux ħlief jitordu wrajha bil-moħbi ta' missierha. Għax imbarra leħinha, dawk ix-xufftejn tagħha mimlija u ħomor f'wiċċ qamħi mfaqqa' , kienu jħarrku d-demm tal-irġiel kollha li kienu jikluha bil-ħars.

U f'din il-lejla ta' qtugħ il-għeneb, Pawlina, billi rat li missierha ftit kellu moħħ il-kliem, biex tgħaddi ż-żmien, infexxet tgħanni u, bis-sakra tal-għana, bilkemm intebħet li l-għenieqi kienu qed jaqgħulha fl-art minn ħoġorha mfawwar.

Tgħid dan l-għana kienet qed tgħannih lil xi wieħed għażiż!

Għalkemm kienet tqarrab it-tmintax, kienet għadha ma ħabbet lil ħadd. Madankollu ġo fiha kienet bdiet tħoss bħal ħlewwa ma tafx x'inhi, imma għal min għandu mid-dinja, dil-ħlewwa hi bħal lewn li jidħer f'ħawħa biex juri li din bdiet issir. Ma' din il-ħlewwa, jew aħjar, xewqa misterjuża, bdiet tħoss ukoll nuqqas ta' kwiet, bdiet tħoss xi ħaġa nieqsa, bħal baħħ li jrid jimtela. Tmintax! L-imħabba tibda tagħmel tagħha; min-naħa jew minn oħra, hi tinfed il-qalb żagħżugħa bil-vleġeġ tagħha tad-deheb li hi titlaq issa mill-ħbub ta' żewġ xufftejn li jitbissmu, issa minn taħrika ħafifa tal-id, issa minn tislima ċkejkna.

Bħalissa l-ħemda donnha nġabret madwarha tissamma' bla nifs, tissamma' għax ma tridx titlef kelma waqt li dit-tfajla tgħanni:

## Lill-Professur Ġużè Aquilina

**(1911 – 1997)**

Kont għadni tifel ċkejken fil-Primarja
Meta l-għalliem ħabbibni sewwa miegħek,
Urieni dlonk imħabbtek lejn ilsienna
Biex tara l-Malti le fit-tajn jitmiegħek!

Żammejtek għalhekk dejjem jien b'kolonna
Illi ħabrikt w għożżejt ilsienna sħiħ;
Lil raħlek il-Munxar ħallejt minn kmieni
Biex f'Malta tkompli taħdem bla mistrieħ!

Matul is-snin mill-pinna għarfa tiegħek
Ħarġu studji w kitbiet ta' mitt elf sura
Għax int dejjem emmint illi b'ilsienna
Bla tlaqliq xejn, naqtgħu l-aqwa figura.

Quddiem kulħadd nistqarr u bla ftaħir
Li fit-tiswir tal-Malti, sehmek kbir.

***Kav. Joe M Attard***



*Ġismi għamiltu dgħajsa*
*Dirgħajja għamilthom qlugħ*
*Immorru bejn sema w ilma*
*Fejn ma tarana ebda ruħ.*

*Misbaħ għajnejn ħanini*
*Daħkana, suwed tut,*
*Ja mħabba mlieli qalbi*
*Għax mingħajrek jiena mmut!*



***Kav. Joe M Attard***

# Maltese per Stranieri




Dawn l-aħħar snin in-numru ta' barranin li qegħdin jiġu joqogħdu f'pajjiżna dejjem qiegħed jiżdied. Dan kollu qiegħed iwassal għal talba akbar ta' korsijiet u riżorsi għat-tagħlim tal-Malti għall-barranin. Għal din ir-raġuni, mill-2013 sal-2017, l-awtur Charles Daniel Saliba, ippubblika s-serje ta' kotba Malti/Ingliż li ġġib l-isem *Maltese for Foreigners*, li fiha 14-il ktieb, tliet sillabi u CD/USB.

In-numru ta' Taljani u Sqallin li għażlu li jgħixu fl-arċipelagu Malti wkoll qiegħed dejjem jiżdied u dan ukoll qed iwassal għal domanda akbar għal korsijiet u riżorsi għat-tagħlim tal-Malti għat-Taljani. Għal din ir-raġuni Saliba għadu kemm ippubblika l-ewwel livell tas-serje *Maltese for Foreigners* f'verżjoni Malti/Taljan li ġġib l-isem *Maltese per Stranieri*. It-tliet kotba li jinsabu f'dan il-livell (Principianti-Elementare) huma: *Le Mie Prime 750 Parole in Maltese, Grammatica Maltese Essenziale e contestuale 1, u Parlo Maltese 1.* Dawn it-tliet kotba huma tajbin għal dawk it-Taljani li se jibdew jitgħallmu l-lingwa Maltija u huma tajbin biex jintużaw b'mod individwali, fi gruppi jew fl-iskejjel.

Saliba aġġorna wkoll is-CD bl-*audio files* relatati mal-kotba biex l-istudenti jkunu jistgħu jisimgħu kelliema nattivi jaqraw it-testi jew janimaw id-djalogi. Barra minn hekk, Saliba ppubblika wkoll verżjoni tas-sillabu bit-Taljan, *Programma del Corso*, u dan jista' jiġi mniżżel b'xejn minn: https://www.bdlbooks.com/files/programma_del_corso_A1.pdf

Billi l-Malti hu lsien Semitiku, kemm-il darba ġie mgħallem f'Universitajiet Taljani u Sqallin, għal skopijiet komparattivi m'ilsna Semitiċi oħra. Żgur li dawn ir-riżorsi jistgħu jkunu ta' għajnuna biex jiġu organizzati korsijiet fuq il-lingwa u l-kultura Maltija għal studenti li qed jistudjaw ilsna Semitiċi f'Universitajiet Taljani.

Saliba ggradwa f'livell ta' Dottorat mill-Università ta' Sheffield, fejn speċjalizza fuq it-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija. L-istudju tiegħu kien sponsorjat minn *Malta Government Scholarship Scheme Grant*. Għal aktar informazzjoni fuq kull ktieb, tista' żżur il-websajt: www.charlesdanielsaliba.com

# Taħdita dwar il-lingwaġġ taż-żgħażagħ Maltin

Fid-19 t'April, 2018, l-ALLT (Association of Linguistics and Language Technology) u l-Għaqda tal-Malti – Università, organizzaw taħdita dwar il-lingwaġġ taż-żgħażagħ Maltin, jisimha Tal-lajf jew tal-blieh? Din it-taħdita kienet fis-7pm fl-uffiċċji tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ fil-Floriana.

F'din it-taħdita rajna kif iż-żgħażagħ jitkellmu differenti minn kelliema ikbar jew iżgħar minnhom. Ippruvaw jispjegaw għaliex il-lingwa tinbidel u kif iż-żgħażagħ ta' kull ġenerazzjoni jirnexxilhom jibdluha.

Din it-taħdita saret minn Dr Michael Spagnol li huwa lettur fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta. Dr Spagnol, jew kif inhu magħruf, is-Sur Kelma Kelma, minħabba l-paġna li ħoloq fuq Facebook "Kelma Kelma," huwa speċjalizzat fil-lingwistika u bħala lettur jgħallem taqsimiet-studju dwar aspetti morfoloġiċi u semantiċi, dwar id-djaletti, u s-soċjolingwistika b'mod ġenerali, biex insemmu ftit minnhom.

Kulħadd ġie mħeġġeġ biex jattendi għal din it-taħdita sabiex jaraw kif il-lingwa dejjem tinbidel maż-żmien u kif tvarja minn ġenerazzjoni għal oħra.

Id-dħul kien b'xejn u wara t-taħdita kien hemm xi xorb u tnaqqir għal kulħadd.

# TAĦŻIŻ6

Tafu lil xi żgħażagħ li jiktbu iżda li għadhom ma sabux l-opportunità ideali għalihom? Jew forsi inti stess tħobb tħażżeż xi żewġ versi imma toqgħod lura għax tibża' minn xi żbalji bażiċi? Mela m'għandekx għax toqgħod lura milli tieħu sehem f'TAĦŻIŻ6, programm ta' kitba kreattiva li qed jinfetaħ għas-sitt edizzjoni tiegħu. Dan il-programm iħarreġ żgħażagħ bejn is-16 u l-35 sena fil-kreattività tal-kitba. Is-sejħa għal din l-edizzjoni se tibqa' miftuħa sat-Tnejn, 7 ta' Mejju 2018.

TAĦŻIŻ6 se jkun imqassam f'seminars ta' nofstanhar fix-xahar u seminar wieħed residenzjali, b'pubblikazzjoni u ċertifikat li jingħataw fi tmedija li tittella' fl-aħħar. Matul il-programm se jkun hemm ukoll xi workshops miftuħa għall-pubbliku. Il-parteċipazzjoni hi b'xejn, imma jintalab depożitu żgħir li jingħata lura meta l-programm ikun komplut b'suċċess.

Dawk iż-żgħażagħ interessati għandhom jibagħtu lil agenzija.zghazagh@gov.mt. L-applikanti għandhom jibagħtu d-dettalji personali (isem u kunjom; data tat-twelid; indirizz postali u elettroniku; u n-numru tal-mowbajl), kif ukoll dawn li ġejjin: − interessi oħra minbarra l-kitba; − ittra ta' introduzzjoni u motivazzjoni; − CV f'forma ta' storja qasira ta' 150 kelma; − fotokopja tal-karta tal-ID (quddiem u wara); u − poeżija jew storja qasira miktuba riċentament.

L-għażla finali tal-parteċipanti se tkun fid-diskrezzjoni tal-bord li jevalwa l-applikazzjonijiet. 'Il quddiem ikun hemm ukoll laqgħa introduttorja. Dan il-programm huwa miftuħ ukoll għal min diġà attenda, iżda tingħata prijorità lil min għadu ma ħax sehem.

Taħżiż huwa programm ta' empowerment tal-Aġenzija Żgħażagħ, b'kollaborazzjoni tal-Għaqda tal-Malti – Università.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn hawn: www.facebook.com/events/205306096726574

# Vokazzjoni jew Konfużjoni?

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol irid idaħħal tliet eżamijiet tal-Malti, Ordinarju, Vokazzjonali u għall-Barranin, fl-aħħar tal-iskola sekondarja. Danse joħloq konfużjoni kbira fl-iskejjel u fost l-istudenti. Jekk verament irid jgħin lil aktar studenti biex jgħaddu, irid isaħħaħ it-tagħlim tal-Malti u jinvesti f'aktar riżorsi, mhux jifframmentah u jħawwad l-imħuħ ta' kulħadd.

Il-Ministeru jrid jgħid pubblikament x'se jkun hemm differenti fl-eżami tal-Malti "Vokazzjonali." X'se jneħħi mill-ħiliet li l-istudenti jitgħallmu llum? Liema komponenti elementari tat-tagħlim tal-lingwa se jwarrab mill-edukazzjoni tat-tfal fis-sekondarja? Għal liema "vokazzjoni" (jew xogħol) se jkun immirat? Għall-"vokazzjoniijiet" kollha?

Il-Malti li l-istudenti jitgħallmu llum fis-sekondarja, li l-Ministru sejjaħlu "akkademiku biss", hu l-aktar livell bażiku ta' Malti fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja u obbligatorja, b'kontenut li jinkludi l-grammatika u l-ortografija Maltija, il-qari, il-kitba (bħall-esej u l-ittra), u l-letteratura (adattata għall-età tal-istudenti tas-sekondarja). Fil-kurrikulu nazzjonali, dan il-Malti ĊES dejjem tqies bħala l-istandard komuni ta' għarfien fil-lingwa Maltija, bħala preparazzjoni bażika għal diversi setturi ta' xogħol u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni postsekondarja.

Toroq, ta' Trevor Żahra

Minn Mejju 2022 l-eżami Malti ĊES se jieħu forma ġdida: żewġ karti li jindirizzaw żewġ livelli differenti, u l-istudenti se jkunu jistgħu jagħżlu l-karta li twassalhom jieħdu ċertifikazzjoni skont il-ħiliet varji tagħhom. Allura għaliex għandu jkun hemm eżami ieħor, separat u differenti, li se jitqies iżjed rilevanti għal min diġà fis-sekondarja jaqbad linja vokazzjonali?

Huwa ċar li l-Ministeru jixtieq joħloq livelli differenti bejn "il-Malti Vokazzjonali" u l-Malti ĊES. Qed tinħoloq sistema ta' "rotot differenti" biex tagħti l-impressjoni li "l-Malti Vokazzjonali" u l-Malti li għandna llum huma biss metodi differenti ta' tagħlim iżda li jeħtieġu eżamijiet differenti bl-istess livell ta' kwalifika (MQF3). Aħna nemmnu li dan hu mod kif il-livell tal-Malti jitbaxxa u fl-istess ħin jingħata l-istess tip ta' ċertifikazzjoni. It-tfaqqir tal-ilsien nazzjonali se jiġi istituzzjonalizzat bl-iskuża ta' sillabi differenti, li fil-fatt se jnaqqru mill-kontenut fundamentali tal-Malti (bħall-grammatika, il-qari, u l-kitba).

Jekk il-"Malti Vokazzjonali" se jintrabat ma' xogħlijiet partikulari minn età daqstant bikrija fl-aħħar tliet snin tas-sekondarja, l-istudenti li jagħżluh se jkunu żvantaġġati għal għomorhom kollu b'livell u b'kontenut inqas ta' Malti. Iż-żewġ eżamijiet se joħolqu segregazzjoni bejn gruppi ta' studenti li, fi stadju bikri wisq f'ħajjithom, se jintalbu jieħdu rotta partikulari ħafna, marbuta ma' kategorija ta' xogħol, mingħajr ma jkollhom ċans ta' flessibilità fl-għażliet tagħhom aktar tard, bħalma jkollhom studenti oħra mgħallma l-Malti li għandna llum (ĊES) skont il-livell sekondarju stabbilit.

Il-Ministru għandu jindirizza b'mod aktar serju s-sitwazzjoni ta' studenti li mhumiex jagħmlu l-eżamijiet fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja, u mhux joħloq sistema li tgħatti din il-problema b'ċertifikati ugwali għal livelli differenti ta' ħila. Nemmnu bis-sħiħ li għandu jkun hemm metodi differenti ta' tagħlim biex jintlaħqu l-istudenti kollha imma li jwasslu għal ċertifikazzjoni waħda bħalma hi ċ-ĊES, l-eżami li fi ħdanu diġà se jkun hemm żewġ livelli rikonoxxuti.

Firmatarji: • L-Akkademja tal-Malti • **Id-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta • Id-Dipartiment tal-Ingliż tal-Università ta' Malta • Id-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College (UM) • L-Għaqda tal-Malti – Università • Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti • Għaqda Poeti Maltin • L-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa, l-Università ta' Malta**

# Ktieb biex tittanta l-burdata

*Kitba ta' Amanda Busuttil*




Fix-xahar li għadda qrajt il-ktieb ħelu 'Fuq Din l-Art Ħelwa' –poeżiji satiriċi u oħrajn skont il-burdata tal-awtur Emmanuel Attard Cassar. Huwa ktejjeb tassew simpatiku b'poeżiji ħelwin li jikkritikaw b'mod satiriku biex jgħaddu messaġġ b'mod fin u umoristiku, imma billi jixhed verità fuq kif iġib ruħu dan il-poplu fuq din il-gżira. It-temi huma varji u jixhdu kemm l-awtur għandu opinjoni fuq ħafna aspetti li jinsabu madwarna. Huwa josserva tajjeb u jikteb dwar iż-żgħażagħ, il-politiċi, il-kaċċa, l-ambjent u l-lingwa, suġġetti li jqajmu diversi kontroversji. Għalhekk inħoss li l-awtur iridna nirriflettu ftit billi jistedinna naraw dawn it-temi minn lenti oħra, b'laqta umoristika u bi kritika kostruttiva. Dan jixhed ukoll kemm il-poeta huwa osservatur tajjeb. Imbagħad jagħżel li jimraħ ħsibijietu fuq diversi temi fi strofi ta' erba' versi (fil-biċċa l-kbira) u f'temi oħrajn jesprimi ruħu f' żewġ strofi jew aktar fi stil modern b'għeruq tradizzjonali fejn insibu r-rima bejn it-tieni u r-raba' vers.

Naħseb dan il-ġeneru li b'mod kreattiv ħoloq l-awtur, jinħass bżonn għalih f'pajjiżna, għax aħna l-Maltin hemm bżonn li nitgħallmu nikkritikaw aktar id-difetti tagħna u nitlewmu anqas fuq dak li jmissna naqblu dwaru; aħna poplu msawwar mill-Istorja li żviluppatna f'dak li aħna llum u hemm bżonn nimmaturaw aktar fejn jidħlu prinċipji soċjali, għax ħafna drabi dak li nsejħulu progress hu biss qoxra fuq barra li qed tostor dak kollu li baqa' l-istess u qatt ma nbidel.

## Aldabra

4/8/2018

F'Aldabra nrawwem post għalik w għalija
il-kejl taż-żmien.
Il-qadfa mbandla, ġġorr it-tagħbija.

Għidli ftit x' tgħallimt
minn dil-ħajja sigrieta, waqfiena?

Domt tifli l-qtar għażżien mal-ward jitbandal
F'art milgħuba, mikduda, mitluba li titfa' pass ieħor fil-baħħ
Niedja t-tagħbija mgeżwra. Memorja mfixxkla.
Ilma ġerrej mitħabat, mifxgħul f'għajta, sfrattat
Eħrex mill-għadu għax f'daru fin-nixfa stuprat -
Li taħtaf il-ħemda, li togħtor mal-qtar rassenjat.

Dinjietek miegħek, f'Aldabra
kull kemxa fil-ġild, kull ħolma li qtilt,
dinjietek tiegħek.

Rota ż-żmien jitgerbeb, jaqdef b'lura
u stilla waħda dejjem hemm
tiddi,
fid-dlam iswed ċappa.

Rota ż-żmien jitgerbeb, jobrom b'lura,
u qamar wieħed dejjem hemm,
jifli,
fil-baħħ iswed faħma.

Darba sibt l-għaliex neżistu int u jien,
għax f'qalbi wkoll hemm stilla tiddi.
Hemm qamar jifli.
Ġo vojt iswed.



***Gabriella Mallia***

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **25 ta' Mejju, 2018,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqe naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## XOGĦOL GĦALL-PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Iż-żmien għaddej.... u l-Programm Mużiko-Letterarja qed joqrob. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Progeamm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh Street, Reservoir 3037** sa laħħar ta' Ġunju, biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Hemm xi membri li ġa bagħtu x-xogħlijiet tagħhom. Barra minn hekk, tkunu qed tgħinu jekk dawk li għandhom il-computer jipprovdu x-xogħol tagħhom bħala WORD file, jekk fuq disk jew dirett permezz tal-*internet* biex niffrankaw aktar xogħol, lil Paul, **paul.vella44@gmail.com**

## IMUT LEWIS STAFRACE

Nhar it-Tlieta, 17 t'April, irċevejna l-aħbar kerha tal-mewt ta' Lewis Stafrace, fl-eta` ta' 86 sena. Lewis ħadem ħafna fil-Komunita` Maltija. Kien bandist għal ħafna snin, *Referee* għal ħafna snin ukoll kif ukoll mexxa l-Green Gully Soccer Club. Imma forsi l-aktar li kien magħruf hu fil-ħidma kbira tiegħu fl-organizzazzjoni tal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-purċissjoni.
F'dawn l-aħħar snin kien ukoll xandar ta' programmi Maltin fuq ir-Radju komunitarju 3ZZZ u dan l-aħħar snin kien il-*Convenor* tal-programmi Maltin, pożizzjoni li ħadha bis-serjeta` u mexxa sewwa x-xandara sħabu inkluż jiena u kien hu flimkien mall-kollega tagħna Mario Sammut li ħeġġuni biex nerġa' nibda nxandar wara waqfien ta' sena. F'isem il-President, il-kumitat u l-membri kollha noffru l-kondoljanzi tagħna lill-martu Marie, uliedu Christina, Annettep u Louise u l-familja kollha. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.